KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
JÄÄSKINEN
ippreżentati fit-8 ta' Marzu 2012 [1]

Kawża C-262/10

Döhler Neuenkirchen GmbH
vs
Hauptzollamt Oldenburg

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja)]

"Kodiċi Doganali tal-Komunità — Proċedura tal-ipproċessar tad-dħul — Sistema tas-sospensjoni — Regolament (KEE) Nru 2913/92 — Artikolu 204 — Tnissil ta' dejn doganali fuq l-importazzjoni minħabba n-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' obbligu — Nuqqas ta' preżentazzjoni tal-polza għar-rilaxx tal-merkanzija fit-termini previsti"

I – Introduzzjoni

1. Il-proċedura tal-ipproċessar tad-dħul, prevista mill-Kodiċi Doganali [2], tippermetti li xi manifatturi Komunitarji jipproċessaw, fit-territorju tal-Komunità Ewropea, merkanzija mhux Komunitarja, maħsuba għall-esportazzjoni mill-ġdid mit-territorju doganali tal-Komunità taħt is-sura ta' prodotti kumpensatorji, mingħajr ma din il-merkanzija tkun suġġetta għal dazji fuq l-importazzjoni.

2. L-użu ta' din il-proċedura doganali sospensiva b'impatt ekonomiku jeħtieġ awtorizzazzjoni li sabiex tingħata għandhom jiġu sodisfatti xi kundizzjonijiet previsti mill-Kodiċi Doganali [3]. B'mod partikolari, l-awtoritajiet doganali għandhom jistabbilixxu t-terminu (iktar 'il quddiem it-"terminu għar-rilaxx") li fih il-prodotti pproċessati (iktar 'il quddiem il-"prodotti kumpensatorji") għandhom ikunu ġew esportati mill-ġdid jew għandhom ikunu ngħataw trattament jew użu ieħor bl-approvazzjoni doganali. Dan it-trattament jew użu permess ġdid bl-approvazzjoni doganali jagħti lok għar-rilaxx tal-proċedura tal-ipproċessar tad-dħul [4].

3. Ċertu numru ta' indikazzjonijiet dwar l-iżvolġiment tal-proċedura tal-ipproċessar tad-dħul għandhom jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet doganali fit-30 jum li jibdew jiddekorru minn meta jiskadi t-terminu għar-rilaxx (iktar 'il quddiem il-"polza għar-rilaxx tal-merkanzija").

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Regolament tal-Kunsill tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 648/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' April 2005 (ĠU L 117, p. 13, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali"). Il-Kodiċi Doganali tħassar bir-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat) (ĠU L 145, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali Modernizzat"), li għud mid-dispożizzjonijiet tiegħu daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Ġunju 2008. Fid-dawl tad-data meta seħħew il-fatti tal-kawża prinċipali, din tibqa' rregolata mir-regoli stabbiliti fil-Kodiċi Doganali. Sussegwentement, beħsiebni nerġa' nindirizza l-kwistjoni jekk is-soluzzjoni proposta f'dawn il-konklużjonijiet tapplikax ukoll taħt is-sistema tal-Kodiċi Doganali Modernizzat.

3 — Ara l-Artikoli 84(1), 85 u 87 tal-Kodiċi Doganali.

4 — Ara l-Artikolu 89(1) tal-Kodiċi Doganali.

4. Fil-kawża prinċipali, il-kumpannija Döhler Neuenkirchen GmbH (iktar 'il quddiem "Döhler Neuenkirchen") ibbenefikat mill-proċedura tal-ipproċessar tad-dħul sabiex timporta merkanziji mhux Komunitarji.

5. Meta skada t-terminu għar-rilaxx, il-prodotti kumpensatorji jew ġew esportati mill-ġdid, jew ngħataw trattament jew użu ġdid permess bl-approvazzjoni doganali, jiġifieri tqiegħdu f'ċirkulazzjoni libera f'konformità mal-imsemmija kundizzjonijiet. Döhler Neuenkirchen madankollu ma wettqitx l-obbligu tagħha li tippreżenta l-polza għar-rilaxx tal-merkanzija fit-30 jum li bdew jiddekorru mill-iskadenza tat-terminu għar-rilaxx.

6. Il-Bundesfinanzhof (Ġermanja) tixtieq tkun taf jekk tali nuqqas iwassalx għat-tnissil ta' dejn doganali abbażi tal-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali, b'mod partikolari peress li l-parti l-kbira tal-merkanziji ġew esportati mill-ġdid.

7. L-istess bħall-kawża Eurogate Distribution (C-28/11), li tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, fejn jiena għandi nippreżenta l-konklużjonijiet tiegħi llum ukoll, li tirrigwarda min-naħa tagħha n-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' obbligi fil-kuntest tas-sistema ta' ħażna doganali, din il-kawża se tagħti l-possibbiltà lill-Qorti tal-Ġustizzja li tippreċiża l-kundizzjonijiet tat-tnissil tad-dejn doganali f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet previsti bis-saħħa tal-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali. Minkejja li l-fatti u n-nuqqas li jistgħu jnisslu dejn abbażi tal-imsemmi artikolu huma differenti f'dawn iż-żewġ kawżi, għandu jiġi kkonstatat li l-imsemmija kawżi jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-istess dispożizzjoni legali u li fiż-żewġ każijiet dawn jikkonċernaw proċeduri doganali sospensivi, jiġifieri l-proċedura tal-ipproċessar tad-dħul fil-Kawża C-262/10 u dik tal-ħażna doganali fil-Kawża C-28/11.

II – Il-kuntest ġuridiku

A – *Il-Kodiċi Doganali*

8. Mill-Artikolu 4 tal-Kodiċi Doganali jirriżulta li, għall-finijiet tal-imsemmi kodiċi, il-kunċett ta' "dejn doganali fuq l-importazzjoni" jindika l-obbligu fuq persuna sabiex tħallas l-ammont ta' dazji fuq l-importazzjoni li japplikaw għal merkanzija speċifika skont id-dispożizzjonijiet Komunitarji li jkunu fis-seħħ. It-trattament jew użu ta' merkanzija bl-approvazzjoni doganali jirreferi b'mod partikolari għat-tqegħid ta' merkanzija taħt proċedura doganali jew għall-esportazzjoni mill-ġdid tagħha mit-territorju doganali tal-Komunità. Proċedura doganali, min-naħa l-oħra, tirreferi b'mod partikolari għaċ-ċirkulazzjoni libera jew għall-ipproċessar tad-dħul.

9. Fir-rigward tas-sistema tal-ipproċessar tad-dħul, l-Artikolu 114 tal-Kodiċi Doganali jipprevedi:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 115, il-proċedura ta' l-ipproċessar tad-dħul għandha tippermetti li s-segwenti merkanzija tintuża fit-territorju doganali tal-Komunità f'operazzjoni ta' l-ipproċessar waħda jew aktar:

(a) merkanzija mhux tal-Komunità maħsuba għall-esportazzjoni mill-ġdid mit-territorju doganali tal-Komunità taħt is-sura ta' prodotti li jikkumpensaw lil xulxin [kumpensatorji], mingħajr ma tali merkanzija tkun soġġetta għal dazji fuq l-importazzjoni jew miżuri ta' politika kummerċjali;

(b) […]

2. L-espressjonijiet li ġejjin għandu jkollhom it-tifsiriet li ġejjin:

(a) sistema ta' sospensjoni: l-arranġamenti ta' eżenzjoni mill-ipproċessar tad-dħul li hemm provdut dwarhom fil-paragrafu 1 (a);

[…]

(ċ) operazzjonijiet ta' l-ipproċessar:

— it-tħaddim ta' merkanzija, inkluż it-twaqqif jew l-immontar tagħha jew it-tqegħid tagħha ma' merkanzija oħra;

— l-ipproċessar ta' merkanzija;

[…]"

10. L-Artikolu 118(1) u (2) tal-Kodiċi Doganali jipprovdi:

"1. L-awtoritajiet doganali għandhom jispeċifikaw il-perjodu li fih il-prodotti li jikkumpensaw lil xulxin [kumpensatorji] ikun jridu jiġu esportati jew esportati mill-ġdid jew assenjati trattament jew użu ieħor approvat mid-dwana. […]

2. Il-perjodu għandu jibda mid-data li fiha l-merkanzija mhux tal-Komunità jitpoġġew taħt il-proċedura ta' l-ipproċessar tad-dħul. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu żieda ta' żmien jekk tiġi preżentata talba korrettement sostanzjata mid-detentur ta' l-awtorizzazzjoni.

Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, jista' jiġi deċiż illi l-perjodu li jibda matul xaħar kalendarju jew tliet xhur għandu jintemm fl-aħħar jum ta' xahar kalendarju jew tliet xhur sussegwenti rispettivament."

11. It-Titolu VII tal-Kodiċi Doganali, intitolat "Dejn doganali", fil-Kapitolu 2 tiegħu jinkludi d-dispożizzjonijiet dwar it-tnissil tad-dejn doganali.

12. L-Artikolu 201 tal-Kodiċi Doganali jistabbilixxi r-regola tal-prinċipju kif ġej:

"1. Dejn doganali fuq l-importazzjoni għandu jiġi inkors permezz:

(a) tal-ħelsien għal ċirkolazzjoni libera ta' merkanziji soġġetti għal dazji fuq l-importazzjoni, jew

[…]

2. Id-dejn doganali għandu jiġi inkors fil-ħin ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali konċernata.

3. […]"

13. L-Artikolu 204 tal-imsemmi kodiċi jipprevedi kategorija residwa, bil-kliem li ġej:

"1. Dejn doganali fuq l-importazzjoni għandu jiġi inkors permezz:

(a) tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' wieħed mill-obbligi li jinqalgħu, fir-rigward ta' merkanziji soġġetti għal dazji fuq l-importazzjoni, mill-ħażna temporanja tagħhom jew mill-użu tal-proċedura doganali li taħtha jkunu tqiegħdu, jew

[…]

f'każijiet oħra barra dawk li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 203 ħlief meta jiġi stabbilit li dawk in-nuqqasijiet m'għandhom ebda effett sinifikanti fuq l-operazzjoni korretta tal-ħażna temporanja jew proċedura doganali konċernata.

2. Id-dejn doganali għandu jiġi inkors jew fil-mument meta l-obbligazzjoni li n-nuqqas ta' l-eżekuzzjoni tagħha tagħti lok għad-dejn doganali ma tiġix issodisfata jew fil-mument meta l-merkanziji jitqiegħdu taħt il-proċedura doganali involuta fejn jiġi stabbilit sussegwentement li kondizzjoni li tirregola t-tqegħid tal-merkanziji taħt l-imsemmija proċedura jew l-għoti ta' rata mnaqqsa jew mingħajr żieda ta' dazju fuq l-importazzjoni bis-saħħa ta' l-użu finali tal-merkanziji ma ġietx fil-fatt issodisfata.

[…]"

B – *Ir-Regolament ta' implementazzjoni*

14. Il-Kodiċi Doganali huwa kkompletat mir-Regolament ta' implementazzjoni (KEE) Nru 2454/93[5].

15. L-Artikolu 496(m) tar-regolament ta' implementazzjoni jipprevedi li "perjodu ta' skarigu [terminu għar-rilaxx]" tfisser "iż-żmien li fih l-oġġetti jew il-prodotti għandhom ikunu ġew assenjati trattament jew użu permess ġdid approvat mid-dwana […]".

16. L-Artikolu 521 ta' dan ir-regolament ta' implementazzjoni jirreferi b'mod partikolari għall-polza għar-rilaxx tal-merkanzija u jipprovdi dan li ġej:

"1. Mhux iktar tard mill-iskadenza tal-perjodu ta' skarigu [terminu għar-rilaxx], irrispettivament ta' jekk l-aggregazzjoni skond l-Artikolu 118(2), it-tieni subparagrafu, tal-kodiċi tintużax jew le:

— fil-każ ta' proċessar 'l ġewwa [tad-dħul] ta' oġġetti (sistema ta' sospensjoni) […], id-dokument ta' skarigu [il-polza għar-rilaxx tal-merkanzija] għandu jiġi fornut lill-uffiċċju ta' sorveljanza fi żmien 30 ġurnata;

[…]

Fejn ċirkostanzi speċjali hekk jirrekjedu, l-awtoritajiet doganali jistgħu jestendu l-perjodu anke jekk dan ikun skada.

2. Id-dokument [il-polza] jew it-talba għandu jkun fiha l-partikolari li ġejjin, sa kemm ma jkunx stabbiliti mod ieħor mill-uffiċċju ta' sorveljanza:

[…]

3. L-uffiċċju ta' sorveljanza jista' joħroġ id-dokument ta' l-iskarigu [il-polza għar-rilaxx tal-merkanzija]."

5 — Ir-regolament tal-Kummissjoni, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament Nru 2913/92 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 993/2001, tal-4 ta' Mejju 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 11, p. 286, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' implementazzjoni").

17. L-Artikolu 546 tar-Regolament ta' implementazzjoni jipprovdi:

"L-awtorizzazzjoni għandha tispeċifika jekk il-prodotti jew oġġetti li jikkumpensaw [il-prodotti kumpensatorji jew il-merkanzija] fl-istat mhux mibdul tagħhom jistgħux jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa mingħajr dikjarazzjoni doganali, mingħajr preġudizzju għall-miżuri projbittivi jew ristrettivi. F'dan il-każ huma għandhom jitqiesu li ġew rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa, jekk huma ma jkunux ġew assenjati trattament ta' approvazzjoni doganali jew użu ma' l-iskadenza tal-perjodu għal skariku [terminu għar-rilaxx].

Għall-finijiet ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 218(1) tal-Kodiċi [Doganali], id-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa għandha titqies li ġiet sottomessa u aċċettata u ingħatat ir-rilaxx fiż-żmien tal-preżentazzjoni tad-dokument ta' l-iskariku [polza għar-rilaxx tal-merkanzija].

[…]"

18. L-Artikolu 859 tar-Regolament ta' implementazzjoni jistabbilixxi l-każijiet fejn in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' obbligu msemmi fl-Artikolu 204(1) tal-Kodiċi Doganali ma jwassalx għat-tnissil ta' dejn doganali, minħabba li n-nuqqasijiet ma jkollhom l-ebda effett sinjifikattiv fuq il-funzjonament tal-proċedura doganali kkonċernata.

III – Il-kawża prinċipali, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19. Matul l-ewwel trimestru tas-sena 2006, Döhler Neuenkirchen importat xi meraq tal-frott ikkonċentrat li hija pproċessat fil-kuntest tal-proċedura tal-ipproċessar tad-dħul, kif kienet tippermettilha tagħmel l-awtorizzazzjoni li ngħatatilha. Skont din l-awtorizzazzjoni, it-terminu għar-rilaxx tal-proċedura tal-ipproċessar tad-dħul kien jiskadi fir-raba' trimestru kalendarju segwenti, jiġifieri fil-31 ta' Marzu 2007.

20. Fil-kuntest tal-proċedura tal-ipproċessar tad-dħul, il-polza għar-rilaxx tal-merkanzija għandha tiġi ppreżentata f'terminu ta' 30 jum li jibda jiddekorri mill-iskadenza tat-terminu għar-rilaxx. F'dan il-każ, il-polza għar-rilaxx tal-merkanzija b'hekk kellha tiġi ppreżentata mhux iktar tard mit-30 ta' April 2007, xi ħaġa li Döhler Neuenkirchen naqset milli tagħmel, minkejja intimazzjoni mill-Hauptzollamt Oldenburg (iktar 'il quddiem il-"Hauptzollamt"), li ried din id-dikjarazzjoni għall-20 ta' Ġunju 2007.

21. Fin-nuqqas ta' polza għar-rilaxx tal-merkanzija, il-Hauptzollamt impona xi dazji fuq l-importazzjoni fuq il-merkanziji kollha importati li t-terminu għar-rilaxx għalihom kien skada fil-31 ta' Marzu 2007, li kienu jammontaw għas-somma totali ta' EUR 1 403 188.49.

22. Fl-10 ta' Lulju 2007, Döhler Neuenkirchen finalment bagħtet il-polza għar-rilaxx tal-merkanzija minn fejn irriżulta ammont iċken ta' dazji fuq l-importazzjoni, jiġifieri EUR 217 338.39, u dan minħabba kwantità ferm inqas ta' merkanziji importati li ma ġewx esportati fit-termini mogħtija, jiġifieri qabel il-31 ta' Marzu 2007.

23. Döhler Neuenkirchen ikkontestat id-differenza bejn l-ammont tad-dazji fuq l-importazzjoni stabbilit mill-Hauptzollamt u dak li rriżulta mill-polza għar-rilaxx tal-merkanzija tagħha, qabel ma ressqet il-kawża quddiem il-Finanzgericht Hamburg.

24. Il-Finanzgericht Hamburg ċaħdet dan ir-rikors, għaliex ikkunsidrat li billi Döhler Neuenkirchen kienet eċċediet it-terminu stabbilit sabiex tippreżenta l-polza għar-rilaxx tal-merkanzija, hija ma kinitx wettqet l-obbligi tagħha, u dan nissel dejn doganali skont l-Artikolu 204(1)(a) tal-Kodiċi Doganali. Din il-qorti

kkunsidrat ukoll li l-preżentazzjoni tardiva tal-polza għar-rilaxx tal-merkanzija ma setgħetx tiġi kkunsidrata bħala nuqqas li ma kellu l-ebda effett sinjifikattiv fuq il-funzjonament korrett tal-proċedura doganali kkonċernata fis-sens tal-Artikolu 859(9) tar-Regolament ta' implementazzjoni [6].

25. F'dan ir-rigward, il-Finanzgericht Hamburg osservat, min-naħa l-waħda, li t-terminu għall-preżentazzjoni tal-polza għar-rilaxx tal-merkanzija ma setax jiġi estiż li kieku t-talba saret fil-ħin, għaliex ma kienx hemm ċirkustanzi speċjali li kienu jirrikjedu tali proroga fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 521(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni, u min-naħa l-oħra, li Döhler Neuenkirchen kienet ħatja ta' negliġenza ċara peress li, bħala operatriċi ekonomika b'esperjenza fil-proċedura tal-ipproċessar tad-dħul, hija kienet taf bl-obbligu li tippreżenta l-poloz għar-rilaxx tal-merkanzija f'ċerti dati u li, barra minn hekk, il-Hauptzollamt kienet ġibditilha l-attenzjoni għal dan ir-rekwiżit.

26. Döhler Neuenkirchen allura ppreżentat appell għal "Reviżjoni" quddiem il-Bundesfinanzhof fejn sostniet li l-proċedura doganali twettqet fil-31 ta' Marzu 2007 u li kull nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' obbligu li kien hemm wara dik id-data, bħall-preżentazzjoni wara li kien għadda t-terminu tal-polza għar-rilaxx tal-merkanzija, ma setax ikollu effett fuq il-proċedura u, iktar u iktar, lanqas ma seta' jnissel dejn doganali fi stadju sussegwenti.

27. Il-Bundesfinanzhof, wara li analizzat l-argument ta' Döhler Neuenkirchen, jiġifieri li nuqqas imwettaq wara li twettqet il-proċedura doganali kkunsidrata ma jistax inissel dejn doganali, tenfasizza li, jekk dan l-approċċ kellu jiġi aċċettat, allura għandu jiġi aċċettat li l-Kummissjoni Ewropea, fl-Artikolu 859(9) tar-Regolament ta' implementazzjoni, ħolqot każ ta' esklużjoni tat-tnissil tad-dejn doganali mingħajr ebda utilità. Fir-rigward tal-argument difiż mill-Hauptzollamt, li qiegħda ssostni li mill-ewwel inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 521(1) tar-Regolament ta' implementazzjoni jirriżulta li l-proċedura tal-ipproċessar tad-dħul tkun "[twettqet]", kif jiddeskriviha l-Artikolu 89(1) tal-Kodiċi Doganali mhux meta trattament jew użu permess ġdid bl-approvazzjoni doganali jiġi assenjat lill-merkanziji importati, imma biss meta tiġi ppreżentata l-polza għar-rilaxx tal-merkanzija, il-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi jekk il-Kummissjoni, b'din id-dispożizzjoni, eċċedietx is-setgħa tagħha li tadotta l-metodi ta' implementazzjoni tal-Kodiċi Doganali, u tenfasizza r-riskju ta' tnissil doppju tad-dejn doganali meta jkun hemm nuqqas ta' merkanziji.

28. Peress illi s-soluzzjoni għall-kawża mressqa quddiemha kienet tiddependi minn interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju, il-Bundesfinanzhof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 204(1)(a) tal-[Kodiċi Doganali] għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika wkoll għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligi li għandhom jiġu eżegwiti biss wara t-twettiq tal-proċedura doganali rilevanti li tkun intużat, b'tali mod li meta merkanzija importata taħt il-proċedura ta' proċessar tad-dħul fil-forma ta' sistema ta' sospensjoni tkun parzjalment esportata mill-ġdid fit-terminu preskritt, in-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligu li l-polza għar-rilaxx tal-merkanzija tiġi ppreżentata lill-uffiċċju responsabbli għas-sorveljanza fi żmien 30 jum mill-iskadenza tat-terminu għat-twettiq tal-proċedura [għar-rilaxx] jagħti lok għall-ħolqien ta' dejn doganali fir-rigward tal-kwantità kollha tal-merkanzija importata koperta mill-polza għar-rilaxx tal-merkanzija jekk ma jkunux sodisfatti r-rekwiżiti tal-Artikolu 859(9) tar-[Regolament ta' implementazzjoni]?"

29. Döhler Neuenkirchen, il-Hauptzollamt, il-Gvern Ċek u l-Kummissjoni Ewropea lkoll ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

6 — L-imsemmi Artikolu 859(9) jirrigwarda meta, fil-kuntest tal-proċeduri tal-ipproċessar tad-dħul u tal-ipproċessar taħt kontroll doganali, jinqabeż it-terminu mogħti għas-sottomissjoni tal-polza għar-rilaxx tal-merkanzija, sakemm it-terminu jkun ġie estiż li kieku kienet intalbet estensjoni fil-ħin.

30. Il-Qorti tal-Ġustizzja assenjat il-kawża lis-Seba' Awla, fejn saret seduta fit-13 ta' April 2011. Madankollu, fit-22 ta' Settembru 2011, is-Seba' Awla ddeċidiet, abbażi tal-Artikolu 44(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tirrinvija l-kawża lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex din terġa' tiġi assenjata lil kulleġġ kompost b'numru ikbar ta' Mħallfin. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li terġa' tassenja l-Kawża C-262/10 lit-Tielet Awla u li tiġġudikaha wara li tkun semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali.

31. Għaldaqstant, it-Tielet Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'digriet tal-25 ta' Ottubru 2011, ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali u kkonvokat lill-partijiet għal seduta oħra. Döhler Neuenkirchen, il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni lkoll kienu preżenti fl-1 ta' Diċembru 2011 għal din it-tieni seduta, komuni mal-Kawża C-28/11.

IV – Analiżi

A – *Introduzzjoni*

32. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab tagħti l-evalwazzjoni tagħha dwar liema fatturi jistgħu jnisslu dejn doganali u, b'mod iktar preċiż, dwar sa liema punt in-nuqqas ta' osservanza ta' kundizzjonijiet preskritti fil-kuntest ta' proċedura tal-ipproċessar tad-dħul inissel dejn doganali.

33. Il-kawża prinċipali ma tirrigwardax nuqqas ta' osservanza sħiħa tad-dispożizzjonijiet u inqas u inqas ma tirrigwarda rifjut ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali. Fil-fatt, il-proċedura tal-ipproċessar tad-dħul inkwistjoni fil-kawża prinċipali twettqet b'mod korrett, bl-eċċezzjoni notevoli tad-data ta' meta ntbagħtet il-polza għar-rilaxx tal-merkanzija.

34. Sabiex tiġi analizzata s-sitwazzjoni, nissuġġerixxi li tiġi segwita din il-proċedura. Qabelxejn, se nfakkar il-kuntest leġiżlattiv li jagħmel parti minnu l-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali fir-rigward tat-tnissil tad-dejn doganali kif ukoll il-kwistjoni tal-kumulu tad-djun doganali. Sussegwentement, beħsiebni nanalizza l-"obbligi" stabbiliti fl-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali fil-kuntest tas-sistema tas-sospensjoni bħall-ipproċessar tad-dħul f'dan il-każ. Fl-aħħar nett, se nindirizza l-kwistjoni jekk dejn doganali jistax jiġi kklassifikat bħala sanzjoni, jew saħansitra sanzjoni sproporzjonata, kif qed issostni Döhler Neuenkirchen, kif ukoll il-kwistjoni tal-effett tal-Kodiċi Doganali Modernizzat.

B – *It-tnissil tad-dejn doganali*

35. F'sitwazzjoni "normali", bħal dik prevista fl-Artikolu 201 tal-Kodiċi Doganali, dejn doganali fuq l-importazzjoni jitnissel fil-mument tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali kkonċernata u taċ-ċirkulazzjoni libera tal-merkanzija inkwistjoni. Il-fatt li jagħti lok għad-dejn huwa kkostitwit miċ-ċirkulazzjoni libera regolari u b'hekk minn bidla regolari fl-istatus tal-merkanzija inkwistjoni [7].

36. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-artikoli segwenti tal-Kodiċi Doganali, l-Avukat Ġenerali Kokott ġustament osserva li "it-tnissil tad-dejn doganali fuq l-importazzjoni abbażi tal-Artikoli 202 sa 205 tal-Kodiċi Doganali huwa kkawżat minn ċerti nuqqasijiet fil-leġiżlazzjoni doganali. Kif juru l-fatti, dawn l-artikoli jipprevedu, fil-paragrafi 2 u 3 tagħhom, mumenti differenti meta jitnissel id-dejn doganali kif ukoll debituri differenti" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [8].

7 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Frar 2001, D. Wandel (C-66/99, Ġabra p. I-873, punti 41 u 42).

8 — Ara l-punt 23 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-3 ta' Marzu 2005, Papismedov *et* (C-195/03, Ġabra p. I-1667).

37. B'hekk, id-dejn doganali jitnissel abbażi tal-Artikolu 202 tal-Kodiċi Doganali fil-każ ta' introduzzjoni illegali fit-territorju doganali tal-Komunità ta' merkanzija suġġetta għal dazji fuq l-importazzjoni. Barra minn hekk, id-dejn doganali jitnissel abbażi tal-Artikolu 203 tal-imsemmi kodiċi meta s-sorveljanza doganali tkun kompromessa. Fl-aħħar nett id-dejn doganali jitnissel abbażi tal-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali b'mod partikolari minħabba "n-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' wieħed mill-obbligi li jinqalgħu, fir-rigward ta' merkanziji soġġetti għal dazji fuq l-importazzjoni, mill-ħażna temporanja tagħhom jew mill-użu tal-proċedura doganali li taħtha jkunu tqiegħdu".

38. B'hekk, kull artikolu għandu l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, mingħajr ma teżisti sovrappożizzjoni. Fis-sentenza Hamann International [9], il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat espressament li l-Artikoli 203 u 204 tal-Kodiċi Doganali għandhom kampijiet ta' applikazzjoni distinti filwaqt li osservat li "fil-fatt, filwaqt li l-ewwel wieħed jirrigwarda l-aġir li jwassal sabiex il-merkanzija ma tkunx suġġetta għas-sorveljanza doganali, it-tieni għandu bħala għan nuqqasijiet fit-twettiq tal-obbligi u nuqqasijiet fl-osservanza tal-kundizzjonijiet marbuta mal-proċeduri doganali differenti li ma kellhomx effett fuq is-sorveljanza doganali" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

39. Madankollu, minkejja li ma hemmx dubju li sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' taħt ir-regoli tal-Kodiċi Doganali, madankollu jibqa' l-fatt li l-Artikolu 859 tar-Regolament ta' implementazzjoni, moqri flimkien mal-Artikolu 860 tiegħu, jistabbilixxi proċedura li tirregola, skont il-ġurisprudenza, b'mod eżawrjenti, għaxar nuqqasijiet, fis-sens tal-Artikolu 204(1)(a) tal-Kodiċi Doganali, li "m'għandhom ebda effett sinifikanti fuq l-operazzjoni korretta tal-ħażna temporanja jew proċedura doganali konċernata" [10].

40. Issa, skont il-qorti tar-rinviju, huwa paċifiku li l-fatti tal-kawża prinċipali ma jaqgħux taħt wieħed minn dawn l-għaxar nuqqasijiet enumerati fl-Artikolu 859 tar-Regolament ta' implementazzjoni [11].

41. L-importazzjoni tal-merkanziji taħt proċedura doganali ekonomika, li tagħti lok għas-sospensjoni tad-dazji doganali, għandha natura eċċezzjonali, li hija r-raġuni għaliex hija suġġetta għal kundizzjonijiet. Kif diġà ngħad iktar 'il fuq, abbażi tal-Artikolu 201 tal-Kodiċi Doganali, id-dejn doganali fil-prinċipju jitnissel fil-mument meta l-merkanzija tasal fil-Komunità u ssir u tiġi aċċettata dikjarazzjoni doganali. Għaldaqstant, f'dawn il-każijiet, esportazzjoni mill-ġdid sussegwenti ma taffettwax it-tnissil preċedenti ta' dejn doganali fir-rigward tal-merkanziji importati. Fil-każ ta' sistema tas-sospensjoni, id-dejn doganali madankollu ma jitnissilx jekk il-merkanzija tibqa' taħt is-sorveljanza doganali filwaqt li jiġu osservati l-kundizzjonijiet tal-proċedura applikabbli sakemm il-merkanzija tiġi rilaxxata.

42. Madankollu, jekk parti mill-merkanziji titqiegħed f'ċirkulazzjoni libera, skont l-awtorizzazzjoni tal-ipproċessar tad-dħul u skont il-metodi previsti mill-Kodiċi Doganali, għal din il-parti mill-merkanziji jitnissel dejn doganali skont il-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 201 tal-imsemmi kodiċi.

C – *Dejn doganali: iktar minn dejn wieħed, l-aspett ratione temporis u t-taxxa doppja*

43. Fil-kawża prinċipali, ma jistax jiġi eskluż li tnisslu diversi djun doganali f'mumenti differenti, b'tali mod li tista' tinqala' l-kwistjoni tat-taxxa doppja.

9 — Sentenza tat-12 ta' Frar 2004 (C-337/01, Ġabra p. I-1791, punt 28).

10 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Novembru 1999, Söhl & Söhlke (C-48/98, Ġabra p. I-7877, punt 43).

11 — Barra minn hekk, b'mod ferm eċċezzjonali, jista' jkun li l-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali bl-ebda mod ma jkun japplika, li kien dak li ġara fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-15 ta' Lulju 2010, DSV Road (C-234/09, Ġabra p. I-7333, punti 32 u 37). Madankollu, dan ma ġarax f'dan il-każ.

44. Qabelxejn għandu jitfakkar li l-kunċett stess ta' unjoni doganali jipprekludi t-taxxa doppja fuq il-merkanziji meta jiddaħħlu fit-territorju doganali Komunitarju [12]. B'hekk, id-dritt tal-Unjoni jipprojbixxi bħala prinċipju li dejn doganali doppju jista' jiġi impost fuq l-istess merkanzija [13].

45. Din hija r-raġuni għaliex għandha ssir distinzjoni bejn tliet kunċetti, jiġifieri l-kunċett ta' "merkanzija", dak ta' "każ" u dak ta' "fatt li jagħti lok". L-istess "merkanzija" ma tistax tkun suġġetta għal iktar minn taxxa waħda. "Każ", li jinkludi kull fatt speċifiku [14], ma jistax ikun marbut ma' iktar minn dispożizzjoni waħda li tipprevedi t-tnissil ta' dejn doganali. Dejn doganali globali, li konsegwentement jikkonċerna l-merkanziji kollha, jista' jirriżulta minn "fatti li jagħtu lok" differenti, li jistgħu jikkompetu ma' xulxin [15].

46. Meta jkun hemm diversi fatti li jagħtu lok għal dejn, għandu jiġi ddeterminat il-fatt li jagħti lok għat-tnissil tad-dejn doganali. Dan jista' jkun l-ewwel fatt li jagħti lok jew l-iktar fatt li jagħti lok serju. Mil-lat kronoloġiku, il-kriterju determinanti jidhirli li huwa, f'dan ir-rigward, dak sottostanti, pereżempju, l-Artikolu 215 tal-Kodiċi Doganali, li jgħid li huwa l-ewwel fatt li jagħti lok li jnissel id-dejn doganali [16]. Dwar din il-kwistjoni, b'hekk jiena naqbel mal-analiżi tal-Gvern Ċek u għaldaqstant ma iniex se nsegwi l-kriterju tal-"iktar fatt li jagħti lok serju" issuġġerit mill-Kummissjoni li kienet qed tirreferi għall-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott [17].

47. Mill-proċess ta' din il-kawża jirriżulta li, f'dan il-każ, il-parti l-kbira tal-prodotti kumpensatorji ġew esportati mill-ġdid minn Döhler Neuenkirchen, filwaqt li parti mill-merkanziji tqiegħdet f'ċirkulazzjoni libera. F'każ normali, ikollu jiġi aċċettat, kif ġustament issuġġeriet Döhler Neuenkirchen, li l-parti tal-merkanziji mqiegħda f'ċirkulazzjoni libera tiġi suġġetta għall-Artikolu 201 tal-Kodiċi Doganali, filwaqt li l-merkanziji li ġew esportati mill-ġdid ma jiġu suġġetti għal ebda taxxa abbażi tad-dazji doganali. Issa, f'dan il-każ, filwaqt li l-proċedura tal-ipproċessar tad-dħul twettqet b'mod regolari, il-polza ma ġietx ippreżentata fit-terminu preskritt. Il-Hauptzollamt b'hekk imponiet dazji fuq l-importazzjoni fuq il-merkanziji kollha abbażi tal-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali.

D – *Kundizzjonijiet li n-nuqqas ta' osservanza tagħhom iwassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali*

48. Għandu jiġi stabbilit liema huma l-kundizzjonijiet li n-nuqqas ta' osservanza tagħhom iwassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali. Fil-fehma tiegħi, l-applikazzjoni tal-imsemmi artikolu tirriżulta min-nuqqas ta' osservanza ta' kull kundizzjoni msemmija f'dan l-artikolu u prevista mill-proċedura kkonċernata, ħlief għall-każijiet previsti fl-Artikolu 859 tar-Regolament ta' implementazzjoni. Inċidentalment, fil-fehma tiegħi, dwar dan il-punt, id-dritt doganali tal-Unjoni ma jagħmilx id-distinzjoni, proposta minn ċerti awturi fid-duttrina Ġermaniża, bejn l-obbligi sostantivi u l-obbligi proċedurali.

12 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 1988, Kiwall (252/87, Ġabra p. 4753, punt 11).

13 — Ara, f'dan is-sens, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 208 tal-Kodiċi Doganali.

14 — L-istess bħall-Avukat Ġenerali Kokott, nikkunsidra li tali "każ" ma għandux jiġi kkunsidrat bħala referenza globali li tkopri l-operazzjonijiet tal-importazzjoni kollha. Ara l-punt 91 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża li wasslet għas-sentenza Papismedov *et*, iċċitata iktar 'il fuq.

15 — L-Artikoli 201 sa 205 tal-Kodiċi Doganali jipprevedu l-"fatti li jagħtu lok" għat-tnissil ta' dejn doganali fuq l-importazzjoni. Ara s-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2003, Hannl-Hofstetter (C-91/02, Ġabra p. I-12077, punt 3).

16 — Fuq il-prinċipju ta' "prijorità *ratione temporis*" fid-dritt doganali tal-Unjoni, ara pereżempju s-sentenza tat-3 ta' April 2008, Militzer & Münch (C-230/06, Ġabra p. I-1895, punt 28), li tgħid li "[f]il-każ ta' twettiq, fit-territorju ta' Stati Membri differenti, ta' diversi offiżi jew irregolaritajiet, l-Istat Membru kompetenti sabiex jirkupra d-dazju doganali huwa dak li fit-territorju tiegħu tkun seħħet l-ewwel offiża jew irregolarità".

17 — Insostenn tal-proposta tagħha, il-Kummissjoni tirreferi għall-punt 95 u għan-nota ta' qiegħ il-paġna 44 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża li wasslet għas-sentenza Papismedov *et*, iċċitata iktar 'il fuq.

49. Kif qalet il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 859 tar-Regolament ta' implementazzjoni jistabbilixxi sewwasew proċedura li tirregola b'mod eżawrjenti n-nuqqasijiet, fis-sens tal-Artikolu 204(1)(a) tal-Kodiċi Doganali, li "m'għandhom ebda effett sinifikanti fuq l-operazzjoni korretta tal-ħażna temporanja jew proċedura doganali konċernata" [18]. Għaldaqstant, kull każ li ma jaqax taħt din l-eċċezzjoni jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 204 tal-imsemmi kodiċi.

50. Fil-fehma tiegħi, ma hemm l-ebda dubju li n-nuqqas ta' preżentazzjoni tal-polza għar-rilaxx tal-merkanzija fit-terminu preskritt iwassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali. Fil-fatt, huwa permezz tar-rilaxx tal-proċedura tal-ipproċessar tad-dħul abbażi tal-polza relatata miegħu li jiġi stabbilit id-destin definittiv tal-merkanziji importati, b'deroga mill-proċedura ġenerali. Permezz tal-polza għar-rilaxx tal-merkanzija, l-importatur jiddikjara lill-awtoritajiet doganali t-trattament jew l-użu tal-merkanziji importati taħt kundizzjonijiet. Il-polza b'hekk hija dokument ċentrali, kif juru wkoll id-dettalji li għandhom jidhru fuqha skont l-Artikolu 521(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni [19].

51. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni li tenfasizza li "il-proċedura tal-ipproċessar attiv [tad-dħul], proċedura li twassal għas-sospensjoni tad-dazji, hija miżura eċċezzjonali maħsuba sabiex tiffaċilita ċerti attivitajiet ekonomiċi. Peress li din il-proċedura fiha riskji evidenti għall-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni doganali u l-ġbir tad-dazji, il-benefiċjarji tagħha huma obbligati jirrispettaw b'mod strett l-obbligi li jirriżultaw minnha. Bl-istess mod, għandha tingħata interpretazzjoni stretta tal-konsegwenzi fil-konfront tagħhom f'każ li ma jirrispettawx l-obbligi tagħhom" [20].

52. Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li, peress li taxxa doppja hija eskluża, id-dejn doganali mnissel abbażi tal-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali ma jistax jinkludi merkanziji li fir-rigward tagħhom diġà seta' tnissel dejn doganali abbażi tal-Artikolu 201 tal-imsemmi kodiċi, minħabba ċ-ċirkulazzjoni libera tagħhom. Għall-merkanziji l-oħra, minkejja li dawn ikunu ġew esportati mill-ġdid wara l-ipproċessar, id-dejn doganali jitnissel abbażi tal-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali.

E – *It-tnissil ta' dejn doganali ma huwiex sanzjoni*

53. Döhler Neuenkirchen issostni li l-impożizzjoni ta' dazji doganali f'dan il-każ għandha n-natura ta' sanzjoni.

54. Jien ma naqbilx ma' din l-analiżi għar-raġunijiet segwenti.

55. Il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet il-prinċipju li huma l-Istati Membri li għandhom il-kompetenza sabiex jadottaw il-miżuri xierqa ħalli jiżguraw irwieħhom minn konformità mal-leġiżlazzjoni doganali Komunitarja. F'din is-sitwazzjoni, il-miżuri li għandhom jiġu adottati għandhom josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità [21].

18 — Sentenza Söhl & Söhlke, iċċitata iktar 'il fuq (punt 43).

19 — F'dan ir-rigward, għandu jingħad ukoll li ma tantx huwa importanti li jkun stabbilit liema informazzjoni ntalbet mill-awtoritajiet doganali. Il-metodi prattiċi jistgħu naturalment ivarjaw, mingħajr madankollu ma jaffettwaw l-obbligu li tiġi ppreżentata polza.

20 — Ara s-sentenza tal-14 ta' Jannar 2010, Terex Equipment *et* (C-430/08 u C-431/08, Ġabra p. I-321, punt 42).

21 — Ara s-sentenza Hannl-Hofstetter, iċċitata iktar 'il fuq (punti 19 u 20).

56. In-natura ta' dawn is-sanzjonijiet tista' tkun amministrattiva (inkluża fiskali) jew kriminali. Il-prinċipju *non bis in idem*, stabbilit b'mod partikolari fl-Artikolu 4(1) tal-Protokoll Nru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, li ġiet iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, jillimita l-applikazzjoni kumulattiva ta' dawn iż-żewġ tipi ta' sanzjonijiet għal ksur uniku [22].

57. Madankollu, jidhirli li l-ġurisprudenza tikkonferma li t-tnissil ta' dejn doganali ma għandux in-natura ta' sanzjoni [23]. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza, ladarba jitnissel dejn doganali, l-eżistenza tiegħu ma tkunx affettwata minn emenda sussegwenti tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-fatti li taw lok għad-dejn, anki jekk il-parti kkonċernata tkun ippreżentat rikors kontra l-impożizzjoni tal-imsemmi dejn. Loġikament, li kieku dan kien sanzjoni, tali interpretazzjoni ma kinitx setgħet tiġi aċċettata [24]. Għaldaqstant, dan ma huwiex sanzjoni u l-prinċipju *non bis in idem* ma huwiex applikabbli f'dan il-każ.

58. Il-proċedura tal-ipproċessar tad-dħul b'sospensjoni timplika l-għoti ta' vantaġġ marbut ma' kundizzjonijiet. L-impożizzjoni regolari tad-dazji doganali tiġi sospiża għal kemm idum il-proċess tal-ipproċessar, sakemm il-proċess isir b'mod regolari. Jekk, u biss jekk, il-proċess isir kif għandu jsir, ma jkun dovut l-ebda dazju doganali.

59. Min-naħa l-oħra, jekk il-kundizzjonijiet ma jiġux osservati, dan il-vantaġġ marbut ma' kundizzjonijiet ma jkunx jista' jingħata. F'każ bħal dan, l-obbligu li jitħallsu dazji doganali b'hekk ma jikkostitwixxix sanzjoni, iżda huwa sempliċement konsegwenza tal-konstatazzjoni li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kisba tal-vantaġġ li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-proċedura tal-ipproċessar tad-dħul ma ġewx sodisfatti, fatt li jrendi s-sospensjoni inapplikabbli u konsegwentement jiġġustifika l-impożizzjoni tad-dazji doganali [25].

F – *In-natura oġġettiva tat-tnissil tad-dejn doganali*

60. Skont il-Kodiċi Doganali u l-ġurisprudenza marbuta miegħu, id-dejn doganali jitnissel abbażi ta' elementi oġġettivi, li jikkostitwixxu fatt li jagħti lok partikolari, u dan irrispettivament minn jekk l-għan fiskali sottostanti din is-sistema jkunx intlaħaq jew le. Jidhirli li, għall-finijiet tal-Kodiċi Doganali, dejn doganali ma jikkorrispondix għall-kunċett ta' dejn doganali "ekonomiku", jiġifieri li dejn doganali jitnissel biss fir-rigward ta' merkanziji f'ċirkulazzjoni libera. Minn dan isegwi li jistgħu wkoll jinġabru dazji doganali minn fuq merkanziji li jkunu tabilħaqq ħallew it-territorju tal-Unjoni Ewropea [26].

22 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-10 ta' Frar 2009, Zolotoukhine vs Ir-Russja, Nru 14939/03, u tas-16 ta' Ġunju 2009, Ruotsalainen vs Il-Finlandja Nru 13079/03. Ara wkoll is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, Ġabra p. I-8375, punt 59), u tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra p. I-123, punt 338), kif ukoll il-kawża Åkerberg Fransson (C-617/10) li bħalissa għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

23 — Ara s-sentenza Hamann International, iċċitata iktar 'il fuq (punt 33), li jgħid li "[g]ħandu jingħad ukoll, min-naħa l-waħda, li l-fatt li l-Artikolu 512 tar-Regolament ta' implementazzjoni, kif emendat bir-Regolament Nru 993/2001, ma jipprevedix iktar l-obbligu li l-merkanziji bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jitqiegħdu taħt il-proċedura ta' tranżitu estern waqt li jiġu ttrasferiti għall-uffiċċju doganali tal-ħruġ ma huwiex tali li jivvizzja din il-konklużjoni, peress li din id-dispożizzjoni, li ma hijiex applikabbli b'mod retroattiv, daħlet fis-seħħ biss wara l-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Fil-fatt, jekk din id-dispożizzjoni kienet sanzjoni, kien ikun hemm lok li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet iktar favorevoli mid-dħul fis-seħħ tagħhom (abbażi tal-prinċipju *lex mitius*).

24 — Ara, *mutatis mutandis*, is-sentenzi tat-3 ta' mejju 2005, Berluscone *et* (C-387/02, C-391/02 u C-403/02, Ġabra p. I-3565, punti 67 sa 69), kif ukoll tal-11 ta' Marzu 2008, Jager (C-420/06, Ġabra p. I-1315, punt 59). Minn dawn is-sentenzi jirriżulta li l-prinċipju tal-applikazzjoni retroattiva tal-piena l-iktar ħafifa tifforma parti mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri.

25 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2000, Emsland-Stärke (C-110/99, Ġabra p. I-11569, punt 56), u tal-4 ta' Ġunju 2009, Pometon (C-158/08, Ġabra p. I-4695, punt 28).

26 — Anki jekk id-dazji doganali għandhom l-għan, b'mod partikolari, li jipproteġu l-produzzjoni domestika mill-kompetizzjoni esterna (bil-Ġermaniż, "Wirtschaftszollgedanke"), madankollu jibqa' l-fatt li l-applikazzjoni tar-regoli f'dan il-qasam hija mekkanika u formali, li tista' twassal għal sitwazzjonijiet fejn id-dazji doganali jiġu imposti meta ma tkun meħtieġa l-ebda protezzjoni, fin-nuqqas ta' ċirkulazzjoni libera tal-merkanziji kkonċernati. Ara C. Willemoes Jørgensen, *Toldskuldens opståen og ophør*, Kopenħagen, Jurist- og Økonomforbundets Forlag, 2009, p. 148, kif ukoll is-sentenza tad-29 ta' April 2004, British American Tobacco (C-222/01, Ġabra p. I-4683, punt 55).

61. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni osservat li din is-sitwazzjoni għandha tiżviluppa taħt il-kamp tal-Kodiċi Doganali Modernizzat. Abbażi tal-imsemmi kodiċi, dejn doganali jiġi estint meta l-merkanziji jkunu tabilħaqq ħallew it-territorju doganali tal-Unjoni, f'konformità mal-analiżi ekonomika tal-operazzjonijiet doganali[27].

62. Issa, ma hemmx lok li għal dan il-każ jiġu applikati b'mod antiċipat id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali Modernizzat.

V – Konklużjoni

63. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda preliminari tal-Bundesfinanzhof bil-mod kif ġej:

"L-Artikolu 204(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 648/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' April 2005, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jirrigwarda n-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' kull obbligu marbut mal-proċedura doganali applikabbli, inklużi dawk li għandhom jiġu eżegwiti wara li titwettaq l-imsemmija proċedura.

Għaldaqstant, fil-każ tal-merkanziji importati li jkunu ġew parzjalment esportati mill-ġdid fit-termini preskritti fil-kuntest ta' proċedura tal-ipproċessar tad-dħul fil-forma tas-sistema tas-sospensjoni, in-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligu li tiġi ppreżentata l-polza għar-rilaxx tal-merkanzija lill-Uffiċċju ta' Sorveljanza fit-30 jum li jibdew jiddekorru mill-iskadenza tat-terminu għar-rilaxx, iwassal għat-tnissil ta' dejn doganali abbażi tal-imsemmi artikolu għall-kwantità kollha tal-merkanziji importati li għandhom jiġu rilaxxati, inklużi l-merkanziji li ġew esportati mill-ġdid, sa fejn il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 859(9) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 993/2001, tal-4 ta' Mejju 2001, ma jkunux ġew sodisfatti.

Min-naħa l-oħra, l-applikazzjoni tal-Artikolu 204 tar-Regolament Nru 2913/92 għal sitwazzjoni bħal din ma twassalx għat-tnissil ta' dejn doganali ieħor għall-merkanziji li fir-rigward tagħhom diġà tnissel dejn doganali abbażi ta' fatt li ta lok għal dejn preċedenti, bħaċ-ċirkulazzjoni libera tagħhom."

27 — Dwar l-estinzjoni tad-dejn doganali taħt is-sistema tal-Kodiċi Doganali Modernizzat, ara l-Artikolu 86(1)(k) ta' dan tal-aħħar.